MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Numru. 201/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**VS**
**JOSEPH GRIXTI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Grixti ta' 53 sena, iben Vincent u l-mejta Giovanna imwielda Ciantar, imwieled San Pawl il-Bahar fit-8 ta' Jannar, 1951 u residenti Canes Flat, No. 3, Cathedral Sreet, San Pawl il-Bahar, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 85551M;

Talli fis-27 ta' Jannar, 2004 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, video recording jew xbiha elettronika ndicenti ta' persuna ta' taht l-eta', jew qassam jew wera ritratt, film, video recording jew xbiha

elettronika ndicenti bhal dan;  Jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recording jew xbiha elettronika ndicenti bhal dawn, liema reat huwa agravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, films, video recordings jew xbihat elettronici ndicenti juru persuni taht l-eta' li ma kienux ghalqu d-disa' snin, u dan bi ksur tal-artikolu 208A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni issib lill-istess imputat hati skond l-akkuza.  Ghar-rigward tal-piena l-Qorti rat u ezaminat Artikolu 208A (1) tal-Kap. 9 li jipprovdi:
"Kull cittadin jew residenti permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta li jigbdu jew jippermettu li jingibed xi film, video, ritratti jew xbiha elettronika ta' persuna taht l-eta', jew iqassmu jew juru ritratt, film, video recording jew xbiha elettronika ndicenti bhal dawn, jew ikollhom fil-pussess taghhom ritratt, film, video recording jew xbiha elettronika ndicenti bhal dawn ……."

Illi apparti dan il-Qorti rat u ezaminat il-pre sentencing report ta' John Testa u r-rapport tal-psikologa Roberta Holland flimkien mat-trattazzjoni dwar il-piena ta' l-avukat difensur ta' l-imputat.

Illi l-Qorti rat ukoll il-fatt illi dan il-kaz jitratta unikament fuq pussess ta' materjal pornografiku li juri persuni taht l-eta';
Illi ghalkemm instab fil-pussess tieghu dan il-materjal dan

kien imdahhal fir-recycle bin biex jigi mhassra, u dan l-istat ta' fatt ghandu jigi rifless fil-piena, u ghaldaqstant issibu hati skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 208A u 28A sa 28G tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat ghal 'suspended sentence' b'supervision order ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal tliet snin.  Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina probation officer addettat ghall-imputat.

In oltre il-Qorti tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti.

Il-Qorti tirrakomanda lill-imputat isegwi l-istruzzjonijiet tal-espert Holland billi jattendi terapija psikologika ghand clinical psychologist ghal perjodu ta' sena b'almenu zewg sessions fix-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------